MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. LAURENCE QUINTANO

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2010

Numru. 325/2007

**Il-Pulizija**
**Supt Norbert Ciappara**
**vs**
**Wayne Catania**

**Il-Qorti**

**Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Wayne Catania ta' 17-ils ena iben Demitrius u Mary Grace nee' Cini mwieled Pieta fis-26 ta' Awissu 1990 u residenti 129 St Joseph, Triq il-Liedna Fgura, ID 412790 (M).**

**Akkuzat talli fl-1 ta' Settembru 2007 kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-**

**Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.**

**Rat l-ammissjoni ta' l-imputat, liema ammissjoni huwa kkonferma wara li nghata hin biex jahsibha.**

**Stante l-ammissjoni ta' l-imputat, l-imputazzjoni giet ppruvata skond il-ligi.**

**Il-Qorti wara li rat l-Artikolu 37 tal-Kap 9, ir-Regolament 9 tal-GN 292/1939, l-Artikoli 22 (1) (a), 22 (2) (b) (i) tal-Kap 101 ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontrieh. Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-imputat ammetta ghalkemm mhux fil-bidu tal-proceduri. Pero rat ukoll li l-imputat ghadu that l-eta u kif wkoll li l-fedina penali tieghu hija ghal kollox nadifa. Qieset ukoll dak li qalet fir-rapport taghha min qed jiehu hsiebu waqt li qed jaghmel programm bhal issa u jidher li fil-programm l-imputat sejjer tajjeb. Wara li qieset dawn il-fatti kollha, il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat ghal piena karcerarja ta' 20 xahar u ghal hlas ta' multa ta' 1400 euro, liema multa tista' tithallas b'rati ta' 50 Euro kull 4 gimghat bl-ewwel pagament isehh fi zmien 4 gimghat millum. Jekk xi pagament ma jithallasx, il-bilanc jithallas f'daqqa Jekk xi parti mill-multa ma tithallasx, din tinbidel f'jum prigunerija ghal kull 11.65 Euro li ma jithallsux.**

**Ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-kap 9 qed tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu**

**mal-hatra ta' l-esperti li jammontaw ghal 515.84 Euro u dan ghandu jsehh fi zmien xahar millum.**

**Qed tordna d-distruzzjoni tad-droga that il-harsien tar-Registratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------